MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 53/2004

**Zarb Coaches Limited (C 28927)**

**vs**

**Falcon Tours Ltd**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-28 ta' Jannar 2004 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, erba' mija u erbgha u erbghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm2,444.90) rapprezentanti konsiderazzjoni ghal servizz ta' trasport ta' passiggieri ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru, 2003, u bl-imghax legali mit-22 ta' Ottubru, 2003 sal-jum ta' l-effettiv pagament fil-konfront tas-

socjeta' konvenuta, rapprezentanti ta' liema gew ingunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Falcon Tours Limited fejn eccepiet:

1. Illi l-kwalita' tas-servizz tat-trasport ipprovdut mis-socjeta' attrici ma kienx tal-kwalita' mifthiema u kien inadekwat u ineficcjenti, tant illi l-awturi tas-socjeta' konvenuta, u cioe' s-socjeta' estera GMAC Incentive Group, ilmentaw mas-socjeta' konvenuta u talbu kumpens minghand is-socjeta' konvenuta, hekk kif gie spjegat lis-socjeta' attrici permezz ta' ittra datata 4 ta' Awissu, 2003 (annessa u mmakata Dok. FT 1);
2. Illi konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f'Mejju, 2003, s-socjeta' konvenuta tablet is-servizzi tas-socjeta' attrici sabiex din ta' l-ahhar tipprovdi ammont ta' *coaches* ghall-konferenza ghall-ammont kbir ta' delegati li s-socjeta' konvenuta kienet ser torganizza hawn Malta.

Peress illi s-socjeta' konvenuta qeda tallega li s-servizz provdut mis-socjeta' attrici ma kienx wiehed sodisfacenti, l-ammont mitlub ma kellux jithallas.

Irrizulta li bejn is-sebgha (7) u d-disgha (9) ta' Mejju, 2003 s-socjeta' konvenuta kienet qed torganizza konferenza ta' tlett ijiem f'Malta ghal madwar elf delegat illi kellhom jigu mill-esteru fuq *cruise liners* u bl-ajru. Dawn id-delegati kienu maqsuma fi tnejn, dawk li kellhom jigu bil-*cruise liners* kellhom jirritornaw bl-ajru u dawk li jigu bl-ajru kellhom jitilqu minn Malta fuq il-*cruise liners*.

Jidher illi ghal dawk illi huma *arrivals* ma kienx hemm xi problemi partikolari, izda kien hemm zewg incidenti illi minhabba fihom is-socjeta' konvenuta qeda tghid illi s-socjeta' attrici ma haqqhiex il-hlas kollu mitlub.

L-ewwel incident kien jinvolvi *event* organizzat il-Barrakka. Kien originarjament propost mis-socjeta' attrici li l-ghoxrin *coach* li s-socjeta' konvenuta tablet jibqghu dejjem maghha, izda biex jiffrankaw xi ftit flus gie operat *schedule* ta' diversi hinijiet sabiex id-delegati jkunu jistghu jirritornaw fil-lukanda. Peress illi d-delegati ma zammewx il-hinijiet stabbiliti, u talbu illi jmorru lura kwazi f'daqqa, nqalghet kongestjoni l-Barrakka. Pero' din giet solvuta u minn hawn jew minn hemm id-delegati ttiedhu kollha fil-lukandi.

Caroline Clements li kienet qed torganizza din il-konferenza xehdet rigward dan l-incident (fol. 40), "Considering this was in emergency situation, I think we did quite well. In all fairness to Zarb Coaches, they coped with the situation quite well …"

L-ilment l-iehor kien jikkoncerna t-tluq mil-lukanda Hilton. Is-socjeta' konvenuta qeda tallega illi hawnhekk is-socjeta' attrici naqset bil-kbir. Ix-*shedule* tat-tluq tad-delegati kien ben saput ghas-socjeta' attrici u din baghtet diversi *coaches* f'diversi hinijiet sabiex dawn in-nies jingarru lejn l-*airport*. Gara pero', illi n-nies kellhom kwantita kbira ta' *luggage* u l-*coaches* mibghuta ma kienux bizejjed sabiex jiehdu l-passiggieri u l-*luggage* flimkien. Kien ghalhekk li r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta cempel lil Wembley Garage wara li ma rnexxilhiex tikkuntattja lis-socjeta' attrici sabiex jibghat *luggage van* u dan intbaghat.

Fl-ahhar, ghall-habta tas-sitta ta' filghodu r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta rnexxielu jkellem lil Emanuel Zarb, direttur tas-socjeta' attrici u spjegalu s-sitwazzjoni x'kienet. Is-Sur Zarb baghat *luggage vans* sabiex ikopri s-sitwazzjoni u d-delegati ttiedhu kollha kemm huma l-*airport*. Pero' jidher li s-sitwazzjoni quddiem il-Malta Hilton kienet wahda daqsexj kaotika, fejn in-nies kienu

nervuzi u inkwetati li ma kienux ser ilehhqu l-ajruplan jew li nkella parti mil-*luggage* ser jibqa' Malta.

Minkejja illi kollox spicca b'wicc il-gid, u n-nies twasslu fid-destinazzjonijiet taghhom, meta mbaghad is-socjeta' konvenuta giet biex tithallas mill-esteru, l-operaturi tal-konferenza dehrilhom illi kellhom inaqqsu ammont sostanzjali minn dak dovut lis-socjeta' konvenuta ghall-inkonvenjent illi l-klijenti taghhom ssubew meta kienu Malta. Minkejja l-isforzi tas-socjeta' konvenuta sabiex tirriduci d-danni kemm jista' jkun, l-operaturi fl-esteru ddecidew unilateralment illi jnaqqsu s-somma ta' ghoxrin elf dollaru Amerikan ($ 20,000) mill-ammont li huwa dovut lis-socjeta' konvenuta, li minn naha taghha dehrilha illi kellha tghaddi parti minn dan it-telf lis-socjeta' attrici peress illi skond hi kienet responsabbli ghall-inkonvenjent subit mill-klijenti ta' l-operaturi barranin.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad li l-Qorti ma ssib l-ebda nuqqas fl-operazzjoni tas-socjeta' attrici ghal dak li jirrigwarda l-incident illi nqala' l-Barrakka. Ma kienx tort taghha li d-delegati ddecidew li jmorru lura l-lukandi taghhom f'daqqa u s-socjeta' attrici ghamlet minn kollox bil-mezzi li kellha f'idejha sabiex taqdi lil dawn il-klijenti u twassalhom fid-destinazzjonijiet taghhom. Il-kumment ta' Caroline Clements fuq imsemmi juri car li s-socjeta' attrici ma kellha l-ebda tort b'dak illi gara.

Il-kontroversja pero' tinqala' waqt il-hin tat-tluq mill-Malta Hilton, fejn l-ewwel vjagg fit-tlieta ta' filghodu (03:00) jidher illi mar minghajr tfixkil izda t-tieni vjagg aktar tard, inqala' ntopp peress illi ma ntbaghtx *luggage van*. Fil-waqt li s-socjeta' konvenuta qeda tallega li tablet *luggage van*, is-socjeta' attrici tghid illi dan ma kienx il-kaz u jidher illi kien hemm xi *misunderstanding* jew disgwid bejn il-partijiet ghal dak illi jirrigwarda l-*luggage vans*. Normalment wiehed ghandu jassumi illi *coach* modern li jesa' tlieta u hamsin (53) passiggier, ikun bizejjed biex igorr ukoll il-*luggage* taghhom. F'dan il-kaz partikolari pero', id-

delegati jidher illi kellhom ammont ezagerat ta’ bagalji biex dawn ma qadux fil-*coaches* u kellu jingieb *luggage van*.

Jista’ jaghti l-kaz, illi kif qalet is-socjeta’ konvenuta, li s-socjeta’ attrici naqset milli tibghat *luggage van*. Is-sitwazzjoni giet rimedjata aktar tard filghodu meta Clements ikkuntattjat lil Emanuel Zarb u dan ta’ l-ahhar baghat il-*luggage vans* necessarji.

Minn naha l-ohra l-Qorti jidhrilha li l-operaturi esteri riedu jipprofittaw ruhhom minn din is-sitwazzjoni meta unilateralment iddecidew illi jnaqqsu ghoxrin elf dollaru ($20,000) minn dak dovut lis-socjeta’ konvenuta. Veru li d-delgati jew klijenti mibghuta Malta kienu esigenti hafna u wiehed kellu jipprepara ghal kull eventwalita’. Pero’ mhux gust illi wiehed jipprofitta ruhu minn tali sitwazzjoni biex inaqqas ammont daqshekk kbir dovut lis-socjeta’ konvenuta. Evidentement l-operaturi fl-esteru, f’dan il-kaz l-Amerika, ghandhom kriterji ferm differenti minn taghna ghal dak illi jirrigwarda danni li jinvolvi nkonvenjent. Pero’, minn naha l-ohra, din il-Qorti lanqas ma ghandha taccetta dawn il-valuri biex tippregudika xi parti jew ohra.

Stante dawn il-provi, l-Qorti jidhrilha illi jista’ jaghti l-kaz illi kien hemm xi nuqqas da parti tas-socjeta’ attrici ghal dak illi jirrigwarda t-tluq mill-Mlata Hilton. Dan in-nuqqas, pero’ zgur li ma jsarrafx fl-ammont ta’ danni illi qed jippretendu l-operaturi barranin u ma hemmx dubju wkoll li s-socjeta’ konvenuta giet pregudikata u, sa’ certu punt, jista’ jinghad misruqa b’ammont easgerat ta’ danni, li zgur ma jirriflettix l-inkonvenjent subit.

Minn naha l-ohra l-Qorti jidhrilha li s-socjeta’ attrici mxiet b’mod professjonali kulfejn gie mitlub is-servizz taghha u ghall-inkonvenjent mahluq fit-tluq quddiem il-Malta Hilton il-Qorti jidhrilha li mill-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici ghandha titnaqqas biss is-somma ta’ hames mitt lira Maltin (LM500), li din il-Qorti jidhrilha li hi fuq in-naha gholja meta tikkonsidra l-inkonvenjent mahluq.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socejta’ konvenuta li thallasha s-somma ta’ elf, disa’ mija u erbgha u erbghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm1,944.90) rapprezentanti konsiderazzjoni ghal servizz ta’ trasport ta’ passiggieri ezegwit mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta.

**Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data ta’ din is-sentenza illi ghandhom jithallsu kwantu ghal tliet kwarti mis-socjeta’ konvenuta u kwart mis-socjeta’ attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------